# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Shawn Pawney)**

**(Spettur Wayne Camilleri)**

**vs**

**Joseph Xuereb**

**Kumpilazzjoni Numru: 712/18**

**Illum, il-hamsa (5) ta' Gunju, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Joseph Xuereb detentur tal-karta tal-identità b'numru 105963M li gie akkuzat talli fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru 2018, ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija

jew xi hinijiet ohra, gewwa 381, Triq il-Kbira San Guzepp u fl-inhawi cirkostanti:

Flimkien ma persuni ohra, bil-hsieb li jwettaq serq, wera b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, u liema serq li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-lok, il-ksur tal-artikoli 261(e), 263(a), u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll, talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikolu 289, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi moghtija fil-konfront tieghu mill-Qrati ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a folio 18) datata 8 ta' Novembru tas-sena 2018 fejn ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda kollha;

**Ikkunsidrat:**

Illi semghet ix-xhieda tal-Ispettur Shawn Pawney li pprezenta certifikat tat-twelid tal-imputat; il-fedina penali ta' Joseph Xuereb (immarkat bhala Dok SP2 – a fol. 8 – 10); rapport dwar l-incident; id-dikjarazzjoni tad-drittijiet tal-imputat; l-istqarrija tal-imputat; il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi mismugha bi procedura sommarja; filmat minn CCTV camera ta' stabbiliment li skont hu juri lill-imputat flimkien ma' ragel iehor jigri lejn id-direzzjoni ta' Fleur De Lys; hames stills minn filmat li juru l-imputat; u kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali deciza fl-14 ta' Marzu 2011 fl-ismijiet ***il-Pulizija vs Joseph Xuereb***. Oltre minn hekk l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma li kien gie infurmat bir-reat allegat ftit granet wara t-23 ta'

Settembru 2018. Ikkonferma fost ohrajn li r-rapport sar mill-vittmi u cioè Stephanie Schembri u Jason Camilleri.

Xehed l-Ispettur <u>**Wayne Camilleri**</u> li pprezenta ghoxrin ritratt immarkati kollettivament bhala Dok. WC1. L-Ufficjal Prosekutur xehed li waqt li kien qieghed jaghmel ir-ronda tieghu ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija huwa nnota mara fejn il-bieb tar-residenza 381, Triq il-Kbira, Santa Venera. Xehed li kienet fi stat ta' paniku u kkonferma li din kienet Stephanie Schembri u cioè wahda mill-vittmi. Kompla jixhed li hi qaltlu li waqt li kienu fis-sodda fis-sular ta' fuq huma semghu hoss qawwi bhal xi haga tinkiser. Jghid li l-vittma qaltlu li raw ragel jidhol fil-kamra tas-sodda, jinhasad u jahrab 'l isfel. Ikompli jixhed li l-vittma qaltlu li Jason Camilleri tela' jigri wara dan ir-ragel u mill-gallarija nnotat ragel iehor. Ikkonferma li Stephanie Schembri qaltlu li ma nsteraq xejn mid-dar.

Xehed wiehed mill-vittmi <u>**Jason Camilleri**</u> fejn qal li f'Settembru ta' 2018 hu kien id-dar gewwa Santa Venera ma' martu Stephanie Schembri. Xehed li kienu l-hamsa u nofs ta' filghaxija u waqt li kien

qieghed jistrieh ma' martu fil-kamra tas-sodda, huma semghu hoss ta' bieb jinfetah kif ukoll passi tilghin it-tarag. Kompla jixhed li dahal ragel, li ma kienx jaf min hu, rah jinfixel u jahrab fil-waqt li semghu jitgerbeb it-tarag. Ikompli jixhed li mar jigri wara dan ir-ragel u ra fl-istess hin ragel iehor jistenna barra d-dar. Jixhed u jikkonferma li dawn iz-zewgt irgiel harbu lejn il-mini ta' Santa Venera. Xehed u gharaf lill-imputat bhala r-ragel li kien qieghed jistenna barra fejn il-bieb.

Vittma ohra u cioè **Stephanie Camilleri** fejn xehdet li f' Settembru tas-sena 2018 dahal ragel fid-dar gewwa Triq il-Kbira, Santa Venera u dan waqt li kienu qeghdin jistriehu fil-kamra tas-sodda. Xehdet li dan ir-ragel x'hin induna biha u b'Jason Camilleri harab ghal barra. Tkompli tghid li l-istess Jason Camilleri telaq jigri wara r-ragel u hi harget fil-gallarija biex tara jekk taghrafx lil xi hadd - hi kkonfermat li rat ragel izda ma ratx wiccu sew. Xehdet li filwaqt li ma nsteraq xejn, l-unika hsara li kien hemm kienet fis-serratura tal-bieb. Xehdet ukoll li ma gharfitx lill-imputat.

Xehdet **Maria Dolores Fenech** li kkonfermat is-sentenza esebita mill-Ispettur Shawn Pawney fis-seduta datata sitta (6) ta' Mejju 2019.

Xehed **PS 415 Randle Gill** li pprezenta tliet CD's kontenuti filmati mmarkati Dok RG1, RG2, u RG3. Tnejn mit-tliet filmati ngabru minn gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera u wahda minn gewwa High Street, Santa Venera.

Xehed **PS 593 Raphael Flores** li pprezenta rapport immarkat bhala Dok RF1.

Xehed **Keith Pace** li ammetta li kien hu li sgassa l-bieb u li dahal gewwa d-dar li kienu qeghdin joqghodu fiha l-vittmi Jason Camilleri u Stephanie Schembri. Ikkonferma li ghal dan l-attentat ta' serq digà nghatat sentenza li llum hija *res judicata*. Kompla jghid li hu kien mal-imputat qabel ma sehh l-allegat reat tal-kawza odjern tant li kkonferma l-identità kemm tieghu kif ukoll tal-imputat fir-ritratt mmarkat 'a' esebit a fol. 26. Jghid li ma jistax jaghraf l-identitajiet taz-zewg persuni fir-ritratt immarkat 'b'

esebit a fol. 26. Xehed li meta dahal god-dar sabiex jisraq kien wahdu u li wara l-attentat ta' serq hu gibed 'l isfel fid-direzzjoni tal-Hamrun u mhux 'il fuq.

__Ikkunsidrat__

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet __Il-Pulizija vs Emad Masoud__ (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

> *"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*
>
> *Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)*

*(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati*

*oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid*

*tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li ma hemmx prova tangibbli u konkreta li l-attentat tas-serqa kkommettiha l-imputat odjern u dan ghaliex intgharaf biss minn Jason Camilleri li kien wiehed mill-vittmi. Din il-Qorti tinnota wkoll il-fatt li r-ritratti u l-filmati gew

biss esebiti mill-prosekuzzjoni u ma gewx ikkonfermati minn espert informatiku jew inkella minn min gibed il-filmat.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser ikollha tezamina xi provi cirkostanzjali hemm fil-proceduri sabiex tara jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha. Illi l-Qrati nostrani huma cari fuq dan is-suggett. Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **<u>Repubblika ta' Malta vs George Spiteri</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

> *"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak*

*li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Di piu' mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet <u>**Pulizija vs Cyrus Engerer**</u> (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

## Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti johrog car numru ta' nuqqasijiet li l-prosekuzzjoni ghandha sabiex tkun tista' tipprova favorevolment il-kaz taghha. Dawn il-fatturi ma jghinux lil din il-Qorti sabiex tghaqqad il-bicciet tal-katina u tkun moralment u legalment konvinta illi l-imputat wettaq is-serqa allegata jew parti minnha.

Dan qed jinghad ghaliex principarjament hemm in-nuqqas ta' identifikazzjoni mill-allegata vittma Stephanie Schembri kif inghad aktar 'il fuq. Illi di piu' ma saritx il-prova tant importanti li tqabbad espert tal-informatika sabiex jikkonferma l-awtenticità tal-filmati esebiti fl-atti. Lanqas biss ingabu l-persuni li ttiehdu dawn il-filmati minn ghandhom. Dan ix-xoghol sar biss mill-pulizija li bl-ebda mod ma kienu esperti ta' din il-Qorti u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tistrieh fuq din il-prova.

Illi dak kollu li hemm li jghin ghall-kaz tal-prosekuzzjoni hu l-fatt illi wiehed mix-xhieda ra u gharaf lill-imputat u fil-fatt ikkonferma li kien qieghed barra d-dar mentri kien ragel iehor li dahal god-dar sabiex jisraq. Min-naha l-ohra d-difiza pproduciet xhud sabiex

jikkuntradixxi x-xhieda ta' Jason Camilleri u dan billi tela' jixhed certu Keith Pace.

Illi din il-Qorti tinnota d-differenzi kbar li hemm bejn xhieda u ohra. Primarjament Jason Camilleri jikkonferma l-prezenza ta' Keith Pace god-dar u jikkonferma l-prezenza tal-imputat barra d-dar. Mentri Keith Pace jixhed li filwaqt li kien mal-imputat qabel l-attentat serq[1], l-istess imputat ma kienx mieghu meta hareg mid-dar.

Illi din il-Qorti tinsab moralment konvinta li x-xhieda ta' Keith Pace m'ghandhiex titqies bhala wahda konvincenti. Dan ghaliex ix-xhieda ta' Jason Camilleri tholl u torbot kollox fis-sens li kien hu li baqa' jigri kemm wara Keith Pace kif ukoll wara l-imputat. Oltre minn hekk dak li xehed Jason Camilleri jikkorrobora sew ma dak li xehdet Stephanie Schembri, biss però fil-kaz ta' Jason Camilleri hu gharaf lill-imputat.

Illi x-xhieda kollha inkluz Keith Pace kollha jikkonfermaw li xejn ma nsteraq u ghalhekk il-Qorti mill-provi cirkostanzjali li gew

[1] Dan kif xehed Keith Pace a fol. 72 *et sequitur* tal-process

ipprezentati hija moralment konvinta li ghandha ssib lill-imputat hati tar-reat tal-attentat tas-serq kwalifikat bil-mezz u bil-lok.

Illi analizi retta tal-artikoli relevanti juru li mill-provi li ghandha quddiemha din il-Qorti, l-akkuzi tal-attentat ta' serq kwalifikat bil-mezz u bil-lok jistghu jregu. Dan ghaliex gie pruvat li l-imputat kien ma' Keith Pace meta l-istess Pace sgassa l-bieb[2] u gie pruvat li l-imputat kien qieghed jistenna barra d-dar.

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghan-noti tal-Prof. Mamo rigward komplicità f'attentati ta' reati:

> *There is, of course, no doubt that if the person instigated, incited, aided or abetted, repents and gives up the criminal enterprise before there is any commencement of the execution of the offence, his repentance benefits also the instigator, contriver, aider or abettor. In such case as there would be no offence committed, there cannot be any guilty complicity. We have already seen that attempted complicity*

[2] Referenza ssir a fol. 79 tal-process

*is not admissible as an offence in itself in the special cases established by the law.*

*As to what happens when the principal offender repents and turns back but after he has already committed acts which objectively constitute an attempt, opinion among the writers is divided.*

*Impallomeni thinks that even in such case the desistance of the principal offender should avail not only himself but also his associates. Carrara takes a different view. In any such case, according to this eminent jurist, the attempted offence objectively subsists, and this is enough to give rise to the liability of the accomplice. The principal offender who desists in time, escapes punishment because the non-prosecution of the criminal action is, in his respect, due to a voluntary cause.... But as regards the instigator, aider or abetter, the desistance of the principal offender is an accidental cause independent of his will and, therefore, while it no doubt avails the accomplice to escape punishment for the completed offence just as any other*

*fortuitous circumstances preventing the completion of the offence would have availed him, it will not help him to escape punishment for the attempted offences. This view is supported by Maino, and Crivollari, and appears to be the more consistent with our law.*

Illi n-noti tal-Prof. Mamo jkompli hekk rigward l-aggravji:

*Although the rule is, as we have seen that accomplices are liable to the same maximum punishment as the principal offender, yet our law wisely provides that in the trial of offences, where two or more individuals are concerned, the relative guilt of each is to be determined independently of that of the others engaged in the same offence. This is a proper restriction upon the generality of the previous provisions*

*It is, therefore, laid down that:*

*When two or more persons concur in an offence:*

*a. Personal circumstances relating solely to any one of them, whether he be a principal or an accomplice and which, in regard to him, exclude, aggravate or mitigate the punishment neither benefit nor prejudice the others concerned in the same offence.*

*b. Any act which aggravates the offence committed, by one of them, be he a principal or an accomplice, is imputable only:*

*i. to the individual himself who has perpetrated it.*

*ii. to those with whose previous knowledge it has been perpetrated*

***iii. to those who, having knowledge thereof at the time of perpetration and being able to prevent it, did not do so. (emfasi tal-Qorti)***

Illi fuq dan l-ahhar punt il-Qorti tirreleva li stante li gie kkonfermat mill-vittma Jason Camilleri li l-imputat kien qieghed barra jistenna

allura jregi li l-istess imputat osserva lil Keith Pace jisgassa l-bieb u naqas milli jwaqqfu.

Illi din il-Qorti qieghda tabbraccja dan ir-ragunament tal-Professur Mamo u taghmilha taghha b'dana li qieghda ssib lill-imputat hati bhala komplici f'attentat ta' serq kwalifikat bil-mezz u bil-lok.

Illi l-Qorti hija moralment konvinta mill-provi prodotti u mix-xhieda li semghet li l-imputat kien qieghed jistennna barra l-bieb sabiex joqghod ghassa ghal Keith Pace. Dan iktar u iktar meta tqis li meta Jason Camilleri gharaf lill-imputat u hareg jigri barra u, hu segwa lil Joseph Xuereb kif ukoll lil Keith Pace.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi inkwantu r-recidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tosserva li dawn il-provvedimenti tal-Ligi japplikaw biss fejn l-imputat ikun gia inprecedenza nstab hati ta' reati ta' serq. Minn qari akkurat kemm tas-sentenza esebita mill-Ispettur Shawn Pawney (u kkonfermata *res judicata* mix-xhud Maria Dolores Fenech) kif ukoll tal-fedina

penali tal-imputat, jirrizulta ferm car li l-imputat kellu kundanni precedenti ta' reati ta' serq u ghaldaqstant jista' jinstab li huwa recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 41(1), 42(d), 49, 50, 261(b)(e), 263(a), 264, 269, 278(2) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; qed ssib lill-imputat **Joseph Xuereb** hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u ghaldaqstant tikkunndannah ghal piena ta' seba' (7) xhur prigunerija.

-----------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**